Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

28 ta' Settembru, 2007

## ATT Nru. XXI ta' l-2007

*ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2007 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru. 2), u l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni.

**2.** L-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso mas-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "fatturi oħra rilevanti." għandhom jidħlu l-kliem "fatturi oħra rilevanti:" u minnufih wara dan għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer ta' l-Arċipelagu Malti minbarra l-Gżira ta' Malta għandhom flimkien ikunu ittrattati bħala distrett elettorali wieħed u ma jistgħux jinqasmu bejn żewġ distretti elettorali jew aktar."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4A) Il-konfini tad-distretti elettorali għall-fini ta' xi elezzjonijiet ġenerali li jsiru wara x-xoljiment tal-Parlament wara l-1 ta' Settembru 2007 għandhom ikunu dawk il-konfini li kienu jeżistu f'dik id-data flimkien ma' dawk l-aġġustamenti li jsiru skond id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mas-subartikolu (4B) ta' dan l-artikolu li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex id-distretti elettorali f'dawk l-elezzjonijiet ikunu jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tat-tieni proviso li hemm mas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 61A ta' din il-Kostituzzjoni.

(4B) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni Elettorali m'għandhiex tirrevedi l-konfini tad-distretti elettorali kif dawn ikunu jeżistu fl-1 ta' Settembru 2007 ħlief wara l-elezzjonijiet ġenerali li jsiru minnufih wara x-xoljiment tal-Parlament minnufih wara dik id-data u dik ir-reviżjoni għandha ssir f'dawk l-intervalli mid-data meta jiġi pubblikat ir-riżultat uffiċjali ta' dawk l-elezzjonijiet skond m'hemm provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew skond ma jista' jkun xort'oħra meħtieġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess subartikolu:

Iżda l-Kummissjoni Elettorali għandha sat-30 ta' Settembru 2007 tirrevedi l-konfini tad-distretti elettorali safejn ikun meħtieġ, u daqstant kemm ikun meħtieġ biss, biex tagħmel dawk l-aġġustamenti f'dawk il-konfini sabiex id-distretti elettorali jkunu għall-fini ta' dawk l-elezzjonijiet jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu; u dawn l-aġġustamenti għandhom, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, jiġu fis-seħħ bil-pubblikazzjoni tar-reġistru kif korrett fit-30 ta' Settembru 2007.".

Żjieda ta' l-artikolu 61A ġdid mal-Kostituzzjoni.

**3.** Minnufih wara l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni għandu jiddaħħal dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Għawdex u l-gżejjer ta' l-Arċipelagu Malti minbarra l-Gżira ta' Malta m'għandhomx jinqasmu.

61A. (1) Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw jekk, meta tkun qegħda ssir ir-reviżjoni tal-konfini tad-distretti elettorali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 61 ta' din il-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni Elettorali kien ikollha, li kieku ma kienx hemm id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso mas-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, taqsam il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer ta' l-Arċipelagu Malti minbarra l-Gżira ta' Malta, jew xi parti minnha, bejn żewġ distretti elettorali jew aktar.

(2) Il-Kummissjoni Elettorali għandha:

(a) tistabbilixxi l-Gżira ta' Għawdex flimkien mal-gżejjer ta' l-Arċipelagu Malti minbarra l-Gżira ta' Malta bħala distrett elettorali wieħed; u

(b) tapplika d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 61 ta' din il-Kostituzzjoni b'riferenza biss għall-eletturi u d-distretti fil-Gżira ta' Malta mingħajr ma tinkludi fil-kalkoli tagħha d-distrett li minnu jkunu jagħmlu Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-Arċipelagu Malti jew l-eletturi li jkun hemm fih.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, meta jkun qiegħed jiġi kalkulat in-numru ta' eletturi f'kull distrett elettorai fil-Gżira ta' Malta in-numru totali tad-distretti elettorali għandu jkun in-numru ta' distretti elettorali stabbilit bl-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali nieqes wieħed.". Kap. 354.

**4.** L-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

(a) minflok il-proviso li hemm mas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta -

(i) f'xi elezzjoni ġenerali, partit politiku (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "partit li jkollu maġġoranza assoluta") jikseb fit-total kollu iktar minn ħamsin fil-mija tal-voti validi kollha mitfugħin f'dik l-elezzjoni, kif akkreditati lill-kandidati tiegħu mill-Kummissjoni Elettorali fl-ewwel għadd tal-voti kollha; jew

(ii) f'elezzjoni ġenerali li tkun kontestata minn aktar minn żewġ partiti politiċi u li fiha jiġu eletti biss kandidati minn tnejn minn dawk il-partiti, partit politiku jikseb perentwali tal-voti validi kollha mitfugħin f'dik l-elezzjoni, kif akkreditati lill-kandidati tiegħu mill-Kummissjoni Elettorali fl-ewwel għadd tal-voti kollha (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "partit li jkollu maġġoranza relattiva"), li jkun akbar minn dak li jinkiseb minn xi partit wieħed ieħor (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "partit li jkollu minoranza"),

u l-proporzjon li n-numru ta' kandidati eletti akkreditat lill-partit li jkollu maġġoranza assoluta jew lill-partit li jkollu maġġoranza relattiva (skond il-każ) ikun jirrappreżenta fil-konfront tan-numru totali ta' membri eletti fil-Kamra tad-Deputati jkun anqas mill-proporzjon li l-għadd ta' voti akkreditati lil dawk il-kandidati fl-ewwel għadd tal-voti kollha jkun jirrappreżenta fil-konfront tat-total tal-voti akkreditati f'dak l-istess l-ewwel għadd tal-voti kollha lill-kandidati kollha tal-partiti kollha li jkollhom il-kandidati tagħhom eletti, in-numru tal-kandidati eletti ta' dak il-partit għandu jiżdied (skond ma jkun il-każ) b'numru ta' kandidati addizzjonali fiċ-ċirkostanzi skond ma jiġi stabbilit minn u skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tar-Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) li hemm fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Anness ma' dik l-Iskeda (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti rilevanti") kif dawn ikunu fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2007 jew kif dawn jiġu sussegwentement emendati jew sostitwiti bil-mod provdut fis-subartikolu (3):

Iżda wkoll:

(i) jekk jiġri li jkun hemm riżultat ta' l-elezzjoni skond m'hemm provdut fis-subparagrafu (i) ta' l-ewwel proviso li hemm ma' dan is-subartikolu iżda sakemm ikun hemm wieħed biss partit li jkollu minoranza;

(ii) jekk jiġri li jkun hemm riżultat ta' l-elezzjoni skond m'hemm provdut fis-subparagrafu (ii) ta' l-ewwel proviso li hemm ma' dan is-subartikolu

u l-proporzjon li n-numru ta' kandidati eletti akkreditati lill-partit li jkollu minoranza jkun jirrappreżenta fil-konfront tan-numru totali ta' membri eletti tal-Kamra tad-Deputati jkun inqas mill-proporzjon li n-numru ta' voti akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu fl-ewwel għadd tal-voti kollha jkun jirrappreżenta fil-konfront tat-total ta' voti akkreditati fl-istess l-ewwel għadd mill-voti kollha lill-kandidati kollha tal-partiti kollha li jkollhom il-kandidati tagħhom eletti, in-numru tal-kandidati eletti tal-partit li jkollu minoranza għandu jiżdied b'numru ta' kandidati addizzjonali li jiġi stabbilit skond ir-regolamenti rilevanti kif dawn ikunu fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2007 jew kif dawn jiġu sussegwentement emendati jew sostitwiti bil-mod provdut għaldaqstant fis-subartikolu (3).

F'kull każ kif previst fl-ewwel u fit-tieni proviso li hemm ma' dan is-subartikolu, dawk il-persuni għandhom jiġu dikjarati mill-

Kummissjoni Elettorali bħala li jkunu ġew eletti biex jimlew il-postijiet addizzjonali li jirriżultaw skond dawk il-proviso li, għax ikunu kandidati tal-partit li jkun ser jiġi akkreditat bil-postijiet addizzjonali, ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali fl-aħħar għadd bl-ogħla jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett fejn jinkiseb dak l-ogħla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar għoli.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tar-Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) li hemm fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Anness ma' dik l-Iskeda, kif fis-seħħ fil-bidu fis-seħħ ta' dan is-subartikolu jistgħu biss jiġu mħassra, emendati jew sostitwiti b'abbozz biex isir Att tal-Parlament mgħoddi bil-mod speifikat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni.

Emenda ta' l-artikolu 54 tal-Kostitutuzzjoni.

**5.** Fis-sub-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 54 tal-Kostituzzjoni minflok il-kliem "imposta fuqu minn qorti bħal dik, jew ikun taħt kundanna bħal dik ta' priġunerija li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża;" għandhom jidħlu l-kliem "imposta fuqu minn qorti bħal dik;".

Emenda ta' l-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni.

**6.** Minnufih wara l-proviso li hemm mal-paragrafu (b) tas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 56 għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej ma' l-imsemmi subartikolu (10):

"Iżda meta minħabba f'li persuna tkun għamja ma tkunx tista' timmarka l-karta tal-vot tagħha, jista' jiġi provdut b'liġi li jekk dik il-persuna hekk titlob din tkun tista' tingħata mezz adegwat u speċjali li permezz tiegħu hija tkun tista' timmarka l-karta tal-vot tagħha waħidha u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda għajnuna.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.

**7.** L-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-artikolu 49 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Kummissjoni għandha, mhux qabel tlettax-il ġurnata iżda mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-votazzjoni, tistampa dak in-numru ta' karti tal-vot skond kemm ikun meħtieġ għall-votazzjoni f'dik l-għamla u fuq dak il-materjal skond ma jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att. Mhux iżjed tard minn ħamest ijiem minn meta jiġu stampati l-karti tal-vot, il-Kummissjoni għandu jkollha *Braille template* biex dan jintuża bħala gwida fuq il-karta tal-vot kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback* li permezz tiegħu persuna għamja tista' tagħraf lill-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom bl-istess ordni bħalma dawn ikunu stampati. Dak il-materjal u dawk id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għal skrutinju raġonevoli mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi li jkunu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċedura, u dak l-iskrutinju m'għandux isir iżjed tard minn tlett ijiem qabel il-votazzjoni. Jekk ma jkun hemm ebda oġġezzjoni dak il-materjal għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun ġie approvat mill-Kummissjoni:

Iżda meta titqajjem xi oġġezzjoni mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi għandha tkun il-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar dan fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta din titqajjem u jekk dik l-oġġezzjoni tiġi aċċettata mill-Kummissjoni kull bdil jew emenda fil-materjal għandha ssir fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta tingħata d-deċiżjoni mill-Kummissjoni u tiġi komunikata lir-rappreżentanti tal-partiti politiċi.";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "ma jistgħux jiġu duplikati." għandhom jidħlu l-kliem "ma jistgħux jiġu duplikati u mhux iżjed minn jumejn qabel il-bidu fis-seħħ tal-votazzjoni, il-Kummissjoni għandha tara li jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern in-numru ta' karti tal-votazzjoni stampati għal kull distrett elettorali u n-numru li jkun ser jiġi mqassam f'kull kamra tal-votazzjoni individwali.";

(b) minnufih wara l-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 72 tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll persuna li ma tkunx tista' tivvota waħidha minħabba f'li tkun għamja tista' jew titlob lil Assistent Kummissarju biex jimmarkalha l-karta tal-vot f'isimha billi

tindikalu għal liema kandidat jew kandidati hija tkun trid tivvota u l-ordni li fih hija tkun trid tirreġista l-vot tagħha, jew inkella titlob li tiġi provduta bi *Braille template* kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback* kif approvat taħt id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 49.";

(c) minnufih wara r-regolament 22 tar-Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) li hemm fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att għandhom jiżdiedu t-Taqsima, regolamenti u anness ġodda li ġejjin:

**"TAQSIMA IV**

*Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni*

23. Għall-fini ta' l-elezzjoni tal-membri addizzjonali, jekk ikun hekk jenħtieġ, meħtieġa skond is-sub-paragrafi (i) u (ii) ta' l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u tas-sub-paragrafi (i) u (ii) tat-tieni proviso li hemm ma' l-istess subartikolu, il-Kummissjoni għandha:

(1) tistabbilixxi l-voti validi totali akkreditati fl-ewwel għadd lil kull wieħed mill-partiti li jkunu eleġġew membri fil-Kamra tad-Deputati;

(2) tistabbilixxi n-numru ta' membri eletti fil-Kamra tad-Deputati minn kull wieħed mill-partiti;

(3) għall-fini tas-sub-paragrafu (i) ta' l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, meta jkun hemm iżjed minn partit wieħed li jkun kiseb inqas minn ħamsin fil-mija mill-voti validi kollha mitfugħin fl-ewwel għadd f'dik l-elezzjoni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-partit li jkollu minoranza") il-Kummissjoni Elettorali għandha tgħodd flimkien it-totali tas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għall-partiti ta' minoranza kollha biex, għall-finijiet ta' dak is-sub-paragrafu, effettivament ikun hemm partit wieħed ta' minoranza;

(4) għal kull partit, tiddividi n-numru miksub konformement mas-sub-paragrafu (1) bin-numru miksub konformement mas-sub-paragrafu (2) biex hekk jinkiseb il-vot medju għal kull siġġu għal kull partit, filwaqt li ma jingħatax każ ta' kull frazzjoni li tibqa';

(5) tadotta l-iktar vot medju baxx għal kull siġġu miksub skond is-sub-paragrafu (4) bħala l-marka ewlenija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-medja baxxa", tiddividi n-numru ta' voti li jinkisbu ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-partit li jkollu medja aktar għolja, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-partit żvantaġġat" bil-medja baxxa sabiex jinkiseb in-numru totali ta' membri tal-Kamra tad-Deputati li għandhom jiġu akkreditati lill-partit żvantaġġat;

(6) ir-riżultat li jinkiseb meta jitnaqqas in-numru ta' membri eletti fil-Kamra tad-Deputati mill-partit żvantaġġat min-numru ta' membri totali miksub minn dak il-partit fis-sub-paragrafu (5) hawn qabel għandu jkun in-numru addizzjonali ta' membri tal-Kamra tad-Deputati li għandhom jiġu dikjarati eletti skond il-Kostituzzjoni;

(7) il-komposizzjoni totali tal-Kamra tad-Deputati għandha tkun tikkonsisti f'dak in-numru ta' siġġijiet li jiġi stabbilit fis-sub-paragrafu (6) ta' dan il-paragrafu iżda jekk in-numru totali ta' siġġijiet ikun jinkludi xi frazzjoni li tibqa' dik il-frazzjoni għandha tiġi eliminata billi jew jiżdied jew jitnaqqas in-numru ta' siġġijiet sa l-eqreb numru bil-fard.

**Anness mat-Tlettax-il Skeda**

Art.52 tal-Kostituzzjoni
Regolament 23 tar-Regolamenti ta' l-1991
dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz
tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla)

Eżempji ta' kif jiġu kalkulati Deputati tal-Parlament addizzjonali skond l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni

**1. <u>Eżempji skond is-subparagrafu (i) ta' l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni</u>**

**Eżempju A – meta żewġ partiti biss jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta ta' voti jeleġġi minoranza ta' membri**

Partit A jiġi akkreditat b'150,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 30 membru
Partit B jiġi akkreditat b'140,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru
Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha kemm huma jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (150,000 versus 145,000) IMMA jkollu minoranza ta' membri eletti (30 versus 35 ta' Partit B);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu sussegwenti;

3. Partit A ikollu dritt li jżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti biex, f'dawk li huma perċentwali, l-istess proporzjon li jiġi użat għal Partit B meta dan ikun qiegħed jeleġġi l-membru tiegħu jintuża wkoll għal Partit A;

4. Bil-għan li jiġi stabbilit dak il-proporzjon, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru ta' voti medju użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditati ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati li jiġu dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A – 150,000/30 = 5,000
- Partit B – 140,000/35 = 4,000

5. Il-Kummissjoni tadotta l-iktar numru baxx hekk miksub (4000) bħala l-medja ta' voti għal kull siġġu li għandha tiġi applikata sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandhom jiġu akkreditati lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali miksuba ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (150,000) bil-voti tal-medja l-aktar baxxa li jirriżultaw għal kull siġġu (4000), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A – 150,000/4000 = 37.5

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (37.5), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' dak il-Partit li jkun diġà ġie dikjarat elett (30) u riżultat ta' dan (7.5) jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (37.5 siġġijiet) flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit B (35 siġġijiet) jagħti total ta' 72.5 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet skond il-Kostituzzjoni għandu jkun bil-fard l-għadd totali ta' siġġijiet isir 73 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (72.5 siġġu ) u l-aħħar siġġu assenjat lill-Partit li jkollu l-ogħla frazzjoni li tibqa', li f'dan il-każ ikun Partit A (Partit A = 37.5 siġġu, Partit B = 35 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għandu għaldaqshekk ikun: Partit A 38 siġġu u Partit B 35 għal Kamra tad-Deputati ta' 73 siġġu

**Eżempju B – meta żewġ partiti biss jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta tal-voti jeleġġi maġġoranza assoluta ta' membri li ma tkunx proporzjonata mas-sehem tal-voti miksub minn dak il-partit**

Partit A jiġi akkreditat b'160,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 33 membru
Partit B jiġi akkreditat b'140,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 32 membru
Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba kull għadd ikun intemm skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar minn 50% mill-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (160,000 versus 145,000);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu sussegwenti li jsir;

3. Partit A għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu biex jiġi dikjarat elett sabiex, f'dawk li huma perċentwali, l-istess proporzjon li jiġi użat għal Partit B meta jkun qiegħed jeleġġi l-membri tiegħu nnifsu jiġi wkoll użat għal Partit A;

4. Sabiex jiġi stabbilit dak il-proporzjon, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru ta' voti medju li jkun ġie użat minn kull partit biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A – 160,000/33 = 4,848
- Partit B – 140,000/32 = 4,375

5. Il-Kummissjoni tadotta n-numru l-aktar baxx li jinkiseb b'dak il-mod (4375) bħala l-voti medji għal kull siġġu li għandu jiġi applikat sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (160,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4375), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A – 160,000/4375 = 36.57

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti minn Partit A (36.57), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' dak il-Partit li jkun diġà ġie dikjarat elett (33) u r-riżultat ta' dan (4.75) ikun jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (36.57 siġġu) flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (32 siġġu) jagħti total ta' 68.57 siġġu peress li n-numru totali ta' siġġijiet skond il-Kostituzzjoni għandu jkun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet isir 69 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (68.57 siġġu) u l-aħħar siġġu assenjat lill-Partit bl-akbar frazzjoni li tibqa, li f'dan il-każ hu Partit A (Partit A = 36.57 siġġu, Partit B = 32 siġġu).

8. Ir-riżultat finali ikun għaldaqstant: Partit A 37 siġġu u Partit B 32 għal Kamra tad-Deputati b'69 siġġijiet.

**Eżempju Ċ – meta tliet partiti (jew aktar) jeleġġu membri**

Partit A jiġi akkreditat b'150,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 29 membru
Partit B jiġi akkreditat b'140,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru
Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 1 membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A jkollu aktar minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (150,000 versus 140,000) IMMA jkollu minoranza ta' membri eletti (29 versus 36 ta' Partit B + Partit Ċ);

2. Partit A għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti u, meta jkun qed jagħmel dan, jiġi użat l-istess proporzjon ta' voti użat biex jiġu eletti l-membri għall-partiti kollha;

3. Peress li jkun hemm iżjed minn partit wieħed ta' minoranza, il-Kummissjoni żżid flimkien il-voti totali ma' l-ewwel għadd taż-żewġ partiti f'minoranza (140,000 + 5,000 = 145,000) kif ukoll is-siġġijiet miksuba mit-tnejn li huma (35 + 1 = 36) u tikkunsidrahom bħala partit ta' minoranza wieħed.

4. Sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon li hemm provdut dwaru fis-subregolament 2, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditati ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A – 150,000/29 = 5172
- Partit B + Ċ – 145,000/36 = 4027

5. Il-Kummissjoni tadotta l-aktar numru baxx hekk miksub (4027) bħala l-medja ta' voti għal kull siġġu li għandu

jiġi applikat sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi il-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha ta' Partit A (150,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4027), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A – 150,000/4027 = 37.2

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (37.2), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' Partit A li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (29) u r-riżultat ta' dan (8.2) ikun jirrappreżenta n-numru ta' membri addizzjonali li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit A (37.2) siġġu flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (35) u dawk akkreditati lil Partit Ċ (1) jagħti total ta' 73.2 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet jitnaqqas għal 73 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (73.2 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għandu għaldaqstant ikun: Partit A 37 siġġu, Partit B 35 u Partit Ċ siġġu wieħed għal Kamra tad-Deputati bi 73 siġġijiet.

**Eżempju D – Meta tliet partiti jew aktar jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta ta' voti jeleġġi maġġoranza assoluta ta' membri li ma tkunx proporzjonata mas-sehem ta' voti miksub minn dak il-partit**

Partit A jiġi akkreditat b'160,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 33 membru
Partit B jiġi akkreditat b'140,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 31 membru
Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 1 membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar

minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (160,000 versus 145,000);

2. Partit A jkollu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti u, meta jagħmel dan, l-istess proporzjon ta' voti użat biex jeleġġi l-membri għandu jiġi użat għall-partiti kollha kemm huma;

3. Peress li hemm iżjed minn partit wieħed ta' minoranza, il-Kummissjoni żżid flimkien il-voti totali ma' l-ewwel għadd taż-żewġ partiti ta' minoranza (140,000 + 5,000 = 145,000) kif ukoll is-siġġijiet miksuba mit-tnejn li huma (31 + 1 = 32) u tqishom bħala partit ta' minoranza wieħed.

4. Sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon li hemm provdut dwaru fis-subregolament 2, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi lil kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A – 160,000/33 = 4,848
- Partit B + Ċ – 145,000/32 = 4,531

5. Il-Kummissjoni tadotta l-aktar numru baxx hekk miksub (4531) bħala l-voti medja għal kull siġġu li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi jiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha ta' Partit A (160,000) bil-voti ta' l-iktar medja baxxa li jirriżultaw għal kull siġġu (4531), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A – 160,000/4531 = 35.31

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (35.3), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' Partit A li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (33) u r-riżultat ta' dan (2.3) ikun jirrappreżenta n-numru

addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit A (35.31) siġġu flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (31) u dawk akkreditati lil Partit Ċ (1) jagħti total ta' 67.31 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siggijiet jitnaqqas għal 67 li huwa l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (67.31 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għaldaqstant ikun: Partit A 35 siġġu, Partit B 31 u Partit Ċ siġġu 1 għal Kamra tad-Deputati b'67 siġġu.

**2. <u>Eżempju skond is-sub-paragrafu (ii) ta' l-ewwel proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni</u>**

Eżempju 1A hawn qabel għandu japplika iżda l-voti ta' Partit Ċ ma' l-ewwel għadd għandu jitqies bħala 15,000 u dan xorta ma jwassal għall-elezzjoni ta' ebda kandidat.

**3. <u>Eżempju skond is-sub-paragrafu (i) tat-tieni proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni</u>**

Partit A jiġi akkreditat b'150,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru
Partit B jiġi akkreditat b'140,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 30 membru
Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A jkollu iżjed minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (150,000 versus 145,000);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu li jsir wara;

3. Il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi jekk Partit B ikollux sehem mis-siġġijiet li jkun sproporzjonatament iktar baxx billi tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użati minn kull

wieħed mill-partiti biex jeleġġi lil kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A – 150,000/35 = 4,285
- Partit B – 140,000/30 = 4,666

4. Partit B għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti biex, f'dawk li huma perċentwali, jiġi użat l-istess proporzjon għal Partit B meta jkun qiegħed jeleġġi l-membri tiegħu stess bħal dak użat ukoll għal Partit A;

5. Il-Kummissjoni tadotta n-numru l-aktar baxx li jiġi hekk miksub (4285) bħala voti medji għal kull siġġu li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit B u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (140,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4285), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A – 140,000/4285 = 32.6

6. Mir-riżultat li jiġi hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit B (32.6), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru tal-kandidati tiegħu li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (30) u r-riżultat ta' dan (2.6) ikun jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit B.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (35) siġġu flimkien ma' numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit B (32.6) jagħti total ta' 67.6 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet jitnaqqas għal 67 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (67.6).

8. Ir-riżultat finali għaldaqstant ikun: Partit A 35 siġġu u Partit B 32 għal Kamra tad-Deputati b'67 siġġu.

**4. <u>Eżempju skond is-sub-paragrafu (ii) tat-tieni proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni</u>**

Eżempju 3 hawn qabel għandu japplika iżda l-voti ta' Partit Ċ ma' l-ewwel għadd għandhom jitqiesu li huma 15,000 u xorta dawn ma jeleġġu ebda kandidat.".

**8.** Ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali, fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali, għandha tiġi emendata kif ġej:

Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali.

(a) Ir-regolament 20 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara s-sub-paragrafu (1) tiegħu għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(1A) Il-Kummissjoni għandha mhux qabel tlettax-il ġurnata iżda mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-votazzjoni tistampa dak in-numru ta' karti tal-vot skond kemm ikun meħtieġ għall-votazzjoni f'dik l-għamla u fuq dak il-materjal skond ma jista' jiġi provdut dwaru fl-Att. Mhux iżjed tard minn ħamest ijiem minn meta jiġu stampati l-karti tal-vot, il-Kummissjoni għandu jkollha *Braille template* biex dan jintuża bħala gwida fuq il-karta tal-vot kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback*, li permezz tiegħu persuna għamja tista' tagħraf lill-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom bl-istess ordni bħalma dawn ikunu stampati, u dawk id-dokumenti u materjal għandhom ikunu disponibbli għal skrutinju raġonevoli mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi li jkunu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proedura, u dak l-iskrutinju m'għandux isir iżjed tard minn tliet ijiem qabel il-votazzjoni. Jekk ma jkun hemm ebda oġġezzjoni dak il-materjal għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun ġie approvat mill-Kummissjoni:

Iżda meta titqajjem xi oġġezzjoni mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi għandha tkun il-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar dan fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta din titqajjem u jekk dik l-oġġezzjoni tiġi aċċettata mill-Kummissjoni kull bdil jew emenda fil-materjal għandha ssir fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta tingħata d-deċiżjoni mill-Kummissjoni u tiġi komunikata lir-rappreżentanti tal-partiti politiċi.";

(ii) fis-subparagrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "li ma jistgħux jiġu duplikati", għandhom jidħlu l-kliem "li ma jistgħux jiġu duplikati, u mhux iżjed minn jumejn qabel il-bidu fis-seħħ tal-votazzjoni, il-Kummissjoni għandha tara li jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern in-numru ta' karti tal-votazzjoni stampati għal kull distrett elettorali u n-numru li jkun ser jiġi mqassam f'kull kamra tal-votazzjoni individwali";

(b) minnufih wara l-ewwel proviso li hemm mas-sub-paragrafu (i) tar-Regolament 41 tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll persuna li ma tkunx tista' tivvota waħidha minħabba f'li tkun għamja tista' jew titlob lil Assistent Kummissarju biex jimmarkalha l-karta tal-vot f'isimha billi tindikalu għal liema kandidat jew kandidati hija tkun trid tivvota u l-ordni li fih hija tkun trid tirreġistra l-vot tagħha jew inkella titlob li tiġi provduta bi *Braille template* kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback* kif approvat taħt id-disposizzjoni tar-Regolament 20 (1A).".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 556 tas-26 ta' Settembru, 2007.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*